MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru. 375/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**

**Vs**

**Abdurauf Abughrara**
**Jason Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-imputati Abdurauf Abughrara iben Abuubaker u Emna nee` Abubaker, imwieled Tripoli fid-9 ta` Dicembru, 1962 u residenti 188 B St. Mary's Flats Constitution Street, Mosta u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 14633 (A) u Jason Spiteri iben Saviour u Rita nee`

Camilleri, imwieled il-Pieta` fid-29 ta` Frar, 1976 u residenti 58, West Street, Valletta u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 187076 (M) li gew imressqa quddiemha talli:-

L-akkuzat Jason Spiteri wahdu talli fil-lejl ta` bejn il-21 u 22 ta` Mejju, 2001 ghal habta ta` 11.30 p.m., gewwa l-fond HLS Enterprises li huwa sitwat gewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, ikkommetta serq ta` flus kontanti fis-somma ta` aktar minn Lm 100 kif ukoll kwantita` ta` apparat elettroniku u cioe` komputers u accessorju ohra li jiswew aktar minn Lm 1,000, liema serq sehh ghad-dannu ta` Jason Cordina u Patrick Vella in rappresentanza tad-ditta HLS Enterprises, u/jew ghad-dannu ta` terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-imsemmi fond, liema hsara hija ta` aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 500 u dan ghad dannu ta` l-istess kumpanija.

L-akkuzat Abdurauf Abughrara wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu komplici fl-imsemmi delitt billi xjentament ghen jew assista lill-awtur jew l-awturi ta` l-imsemmi delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat.

Fil-waqt t-tnejn flimkien gew akkuzati talli fl-istess zminijiet, u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, u cioe` l-imsemmija apparat elettroniku u cioe` komputers u accessorja ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-Lm 1,000, ghad-dannu ta` l-istess sidien, liema oggetti gew mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun indahlu biex ibieghulhom jew jmexxuhom.

Fl-ahhar nett iz-zewg imputati gew akkuzati t-tnejn flimkien li huma recidivi b`sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ital-21 ta’ Novembru 2003 (a folio 238 tal-process) fejn huwa deherlu li fil-konfronti taz-zewg imputati tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 325 (a), 334,289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputati fis-seduta tal-15 ta’ Frar 2006 taw l-kunsens taghhom sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Jason Spiteri ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-26 ta’ Lulju, 2007.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat Jason Spiteri wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Jason Spiteri l-Qorti tiddikkjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu  hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, salv ghal-akkuza ta’ ricettazzjoni stante li ma tistghax tririzulta kontemporanjament  akkuza ta’ serq ma akkuza ta ricettazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-imputat l-iehor Abdurauf Abughrara ma rregistrax ammissjoni formali ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, precizament fis-seduta tal-5 ta’ Lulju 2001 l-avukat difensur tieghu kien iddikjara li huwa kien bi hsiebu jirregistra ammissjoni fi stadju opportun. Inoltre il-Qorti setghat tikkonstata mill-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Ispettur Investigattiv (esebita a folio 47 sa 49 tal-process) li huwa kien ammetta l-involviment tieghu fis-serqa

effetwata mill-imputat l-iehor Jason Spiteri fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Mejju 2001 mill-fond HLS Enterprises, gewwa Triq il-Kostotuzzjoni, Mosta. Fl-istess stqarrija huwa kien ammetta wkoll li kien laqa' u zamm fid-dar tieghu l-oggetti misruqa. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat Abdurauf Abughrara lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-imsemmija akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-fedina penali tal-imputat Abdurauf Abughrara (esebita a folio 6) tal-process u ta' dik aggornata ordnata minn din il-Qorti u esebita fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 jidher li l-imputat instab hati ta' pussess ta' droga permezz ta' sentenza moghtija fl-1995 u li sussegwentement huwa ma nstab hati ta' ebda reat iehor. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

L-istess haga ma tistghax tinghad ghall-imputat l-iehor Jason Spiteri stante li minn ezami tal-fedina penali tieghu esebita fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri (a folio 7 u 8 tal-process) kif ukoll minn dik aggornata ordnata minn din il-Qorti u esebita fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2007 jirrizulta li nonostante li huwa inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu huwa m'gharafx juzufruwixxi minn dawn ic-cansijiet lilu moghtija u kompla jikser dufrejh mal-gustizzja u baqa' fit-triq tal-kriminalita'. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Probation Officer Mary Anne Zammit (a folio 251 u 252 tal-process). Fic-cirkostanzi l-piena li ser tinghata lill-imputat Jason Spiteri mhux ser tkun fil-minimu u ser tkun differenti min dik moghtija lill-imputat l-iehor.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Genreali fin-nota tieghu tal-21 ta' Novembru 2003 tiddikjara li qed issib lill-imputat Jason Spiteri hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi, salv ghal dik ta' ricettazzjoni ghar-ragunijiet

spjegati aktar il-fuq mill-liema akkuza huwa qed jigi liberat, u tiddeciedi li tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija effettivi millum.

Wara li rat l-Artikoli kollha tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-21 ta' Novembru 2003 l-Qorti ssib lill-imputat Abdurauf Abughrara hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tlett (3) snin millum.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta il-Qorti tordna liz-zewg imputati sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed is-somma ta' erbgha mija u erbghajn Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmi (€440.58) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti fdawn il-proceduri. Fin-nuqqas ta` hlas tal-ispejjes konnessi mal-hatra ta` esperti l-ammont jinbidel f`jum prigunerija ghall-ekwivalenti f`Ewro ta` kull Lm 5 dovuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------